*minnha, il-għaliex dawn l-programmi tagħna ma kinux għadhom imżewqin biżżejjed b'suġġetti didattiċi, storiċi, narrativi, folkloristiċi, b'versi klassiċi, b'xeni u episodji drammatiċi, kif ukoll b'xi effetti ta' mużika u kant, li jħajru l-widna u jiġbdu l-attenzjoni tas-semmiegħa u jżommhom imxennqin il-ħin kollu. Barra minn dan, min kien jieħu sehem biex jitkellem minn fuq ir-"Rediffusion", xi whud minnhom, l-iktar tfal u żgħażagħ, ma kinux imħarrġin biżżejjed fl-intonazzjoni u espressjoni ta' kliemhom sew f'xi taħdita kemm f'xi parti reċitativa jew drammatika. Dan in-nuqqas kien għadu wkoll jidher fil-ġenerazzjoni li tielgħa minħabba nuqqas ta' taħriġ.*

*Il-lum għalkemm insibu żvilupp kbir mhux biss fis-sengħa ta' taħdit kemm ukoll fl-arti rappreżentativa, ma nistgħux ngħidu li lħaqna dak il-livell ta' progress professjonali li nsibu fl-arti u l-ġenju ta' pajjiżi kontinentali. Imma b'daqshekk il-lum jidhrilna li m'għandniex nibqgħu lura. It-taħriġ għandu dejjem jissokta jsir, sabiex il-Malti ma jibqax lura.*

*Għalhekk il-lum ta' min jistagħġeb kif fi skejjel, fejn niftaħru b'metodi ġodda, għal dik li hi mużika u kant, u saħansitra żfin, issib tagħlim u taħriġ imdaħħal fil-programmi skolastiċi meta wkoll il-Gvern ma jiddestinax u jagħti boroż ta' studji (scholarships), biex l-istudenti jsiefru barra u jistħarrġu fil-kant u fil-mużika jew f'xi arti oħra, ta' pittura jew skultura, filwaqt li l-arti tat-taħdit, tar-reċitar jew tal-palk ma nsibuha qatt fost it-tagħlim jew taħriġ skolastiku, sew għas-subien kemm għall-bniet.*

*It-talent Malti mhux nieqes u dana rajnieh f'bosta ċirkustanzi għax il-Malti għandu disposizzjoni kbira biex jimita u jassimla għalkemm mhux mgħallem u mħarreġ — ukoll f'nies li m'humiex ta' l-iskola—sew għal dik li hi mużika, kant, eċċ., tant li barra minn Malta għandna żgħażagħ Maltin li f'ċerti strumenti kif ukoll fil-kant, jew f'xi arti oħra, qegħdin jagħmlu l-isbaħ figura li tagħmel ġieħ lil Malta—nies Maltin li l-lum għamlu isem ukoll fl-akbar ambjenti kontinentali ta' l-Ewropa u ta' l-Amerika.*

*Il-lum min jikteb għall-palk għandna kittieba li wrew ħila mhux żgħira, saħansitra f'dik li hi oriġinalità ta' arti drammatika moderna, u għalhekk jixraq li x-xogħlijiet tagħhom mhux biss jintsemgħu bħala xempju ta' produzzjoni ta' arti moderna fuq il-palk jew fir-"Rediffusion", bħalma kultant ġie li smajna xi radjo-dramm bil-Malti, iżda wkoll jinstemgħu flimkien ma'*



*xi radjo-dramm fit-Televiżjoni Nazzjonali tagħna. Dawn ma għandhomx jagħmlu għajb lil dawk ir-rappreżentazzjonijiet l-oħra ta' "sketches" komiċi, kant bil-Malti li issa bdejna naraw fuq it-Televiżjoni, iżda jżidu fil-ġieħ tat-talent Malti. M'għandniex nibqgħu mrekknin ġewwa dik il-qoxra ta' sentimenti ta' inferjorità: it-talent Malti tih l-opportunità u huwa stess imbagħad jurik x'jiswa. Aħna dana rajnieh f'diversi ċirkustanzi. Għalkemm, bħalma fissirt, fiż-żgħażagħ ma nistgħux ngħidu li hemm dik il-perfezzjoni li titlob l-arti tat-taħdit u tar-reċitar, aħna rajna kemm-il darba li tfal subien u bniet ta' xi kulleġġi, fejn huma mħarrġin xi ftit jew wisq fuq hekk, laħqu tawna xhieda sabiħa tax-xeħta tagħhom għall-palk meta saħansitra ġie li smajniehom jirreċitaw bċejjeċ klassiċi ta' xi dramm jew kummiedja ta' Shakespeare. Fost atturi rġiel u nisa, l-arti komika tagħhom hija millaħjar, tant li meta rajniehom jaħdmu sthajjilna li f'xi partijiet, qegħdin nassistu xeni li ma jagħmlux għajb lil dawk ta' l-aħjar kumpanniji ta' proża Ingliża jew Taljana.*

*Hemm min qal li għadna lura biex il-produzzjonijiet drammatiċi Maltin jibdew jidhru fuq it-Televiżjoni. Ċerti nies influwenti, li l-lum jistgħu jiżnu bl-esperjenza tagħhom, x'jista' jagħmel it-talent Malti meta tagħtih il-wisa' li jixraqlu, waslu biex jiddubitaw jekk hawnx atturi Maltin li jistgħu jaħdmu xogħlijiet drammatiċi bil-Malti, u l-iktar imbagħad xogħlijiet klassiċi, fuq l-iskrin tat-Televiżjoni. Naħseb li ma nkunux għidna ħmerija kieku lil dawn ngħidulhom f'widnejhom: "Ma jidhirkomx li l-lum spiċċa ż-żmien li l-Malti tħallih jitnikker f'rokna biex joqgħod jitgħaxxaq biss bl-arti u s-sengħa tal-barrani?"*

---

## DAK LI TIŻRA' TAĦSAD

Aħna m'għandniex nittamaw li naħsdu u niġbru l-isbul imdieheb li jkun sar, kemm-il darba ma nkunux żrajna u xarrabna qabel xejn ir-raddiet tal-ħamrija bid-dmugħ.

Din id-dinja misterjuża tagħna mhix bħalma jidhrilna li hi, tagħtik kulma tixtieq. Il-għalqa tal-ħajja tagħtina dak li niżirgħu fiha : ħasda ta' xewk jew ward.

GOETHE.